

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/697

tal-10 ta' Frar 2022

li jirrettifika l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 li jistabbilixxi
rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE)
Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzijsa tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 39(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verżjoni bil-lingwa Pollakka tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 (²) fiha żball fil-punt 41b(b) li jaffettwa l-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni tat-terminu "SNOWTAM" applikab bli mit-12 ta' Awwissu 2021.
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 tiġi rrettifikata kif xieraq. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mħumiex affettwati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma jaapplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠUL 212, 22.8.2018, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 44, 14.2.2014, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
